

Brussell, 18 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15114/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0383 (NLE)

MAMA 210
MED 61
ISR 8

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti 'l oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit
mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni
bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda,
u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti 'l oħra,
fir-rigward tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti 'l oħra¹, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000.
- (2) Skont l-Artikolu 69 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta r-rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael, permezz ta' proċedura bil-miktub.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni peress li r-rakkomandazzjoni se jkollha effetti legali.
- (5) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael bi tliet snin se tagħti opportunità sħiħa lill-Partijiet biex jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom fis-snin li ġejjin, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f' isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti 'l oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI NRU 1/2018
TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL**

ta' ...

li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti 'l oħra²,

² ĠU UE L 147, 21.6.2000, p. 3.

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti 'l oħra (il-"Ftehim Ewro-Mediterranju"), ġie ffirmat fi Brussell fl-20 ta' Novembru 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000.
- (2) L-Artikolu 69 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet jew isiru rakkomandazzjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan.
- (4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael bi tliet snin se tagħti l-opportunità lill-Partijiet biex ikomplu jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom fis-snin li ġejjin, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz ta' proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael jiġi estiż bi tliet snin mid-data tal-adozzjoni tal-estensjoni.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., [...].

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

UE-Iżrael

Il-President
